**MALTA**

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT Dr IAN FARRUGIA LL.D**

**Illum 4 ta' Mejju 2016**

**IL-PULIZIJA**
**(Spettur Stephen J.Gatt)**

**Vs**

**TWANNY (ANTHONY) CASSAR**

Kump Nru 855/2006

**IL-QORTI**;

Rat li l-imputat **Twanny (Anthony) Cassar I.D 86966M** gie akkuzat talli fl-10/08/2006 u xhur qabel gewwa dawn il-Gzejjer ukoll jekk fi zminijiet differenti li jkunu jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u jkunu gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda;

1. Kellu fil-pussess tieghu u gar fuq il-persuna tieghu arma li taqta u bil-ponta;

2. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi minghajr ma darob lil Sandra Mallia hedded jew qabad arma bil-ponta u li taqta kontra Sandra Mallia;

3. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi hebb kontra l-persuna ta' Sandra Mallia sabiex jungurjha, idejjaqaha jew jaghmillha hsara;

4. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi ghamel lil Sandra Mallia ingurji jew theddid jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;

5. Talli fis-16/06/2006 u fil-granet ta' qabel gewwa l-Imsida u bnadi ohra bla ordni skond il-ligi tal-awtorita kompetenti u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi taghti s-setgha lill privat li jarresta, arresta zamm jew issekwestra lil Sandra Mallia kontra l-volonta taghha jew taghha l-post biex fih din il-persuna tigi arrestata, mizmuma jew issekwestrata;

6. Talli fl-10/08/2006 u xhur qabel f'dawn il-Gzejjer gab ruhu b'mod li ta fastidju lil Sandra Mallia u persuni ohra u dan bi ksur tal-artikolu 251A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

7. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi gab ruhu b'mod li l-imgieba tieghu ikkaguna lil Sandra Mallia u persuna ohra jibzghu li se tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew il-propjeta ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuni msemmija fl-artikolu 222(1) u dan bi ksur tal-artikolu 251B tal-Kap9 tal-Ligijiet ta' Malta;

8. Talli fl-istess lok, jum, hin u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg Sandra Mallia, mobbli jew immobli liema hsara ma tiskorrix Lm50 (hamsin lira) Maltin.

Il-Qorti hija mitluba li tipprovdi ghas-sigurta ta' Sandra Mallia u l-wild taghha u taghmel ordni ta' protezzjoni skond l-Artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ordni ta' trazzin skond l-artikolu 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens ta` l-Avukat Generali tal-11 ta` Awwissu 2006 sabiex din il-kawza tigi trattata bil-procedura sommarja (ara folio 7);

Rat l-atti u d-dokumenti;

Qieset id-depozizzjonijiet tax-xhieda mressqa f'dan il-procediment;

Rat li, fl-udjenza ta' llum 4 ta' Mejju 2016, saret l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat, u dana anki wara li inghata iz-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta' l-Ufficjal Prosekutur u ta` l-Avukat Difensur.

**Ikkunsidrat**;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kif migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew id-deposizzjonijiet tax-xhieda prodotti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu jinsabu sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tiddikjarah hati taghhom.

**Ikkunsidrat**;

Illi in tema ta' piena jew sanzjoni l-Qorti kkunsidrat is-segwenti fatturi, izda mhux biss:

a. l-ammissjoni ta` l-imputat, li ghalkemm ma tatix xi dritt awtomatiku ghall-riduzzjoni fil-piena, f'dan il-kaz din il-Qorti qed taghtiha piz sostanzjali fil-kuntest ta` l-ahjar sanzjoni li ghandha tigi imposta b'din is-sentenza;
b. il-fatt li bejn l-imputat u Sandra Mallia, illum tirrenja l-armonija, u dawn kienu incidenti tal-passat.
c. Il-fatt li l-imputazzjonijiet xorta wahda huma ta` natura serja;

Fid-dawl tac-cirkostanzi kollha l-Qorti qieset sew xi jghid l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446. Dan hu parti minn numru ta` ghodod li l-legislatur ghogbu jaghti lill-Qrati ghall-konsiderazzjoni taghhom meta jigu biex jikkalibraw il-piena u/jew sanzjoni. Jigi

osservat li l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 jista jigi applikat sahansitra ghal reat punibbli bi prigunerija ghal zmien li jeccedi seba snin izda mhux aktar minn ghaxar snin.

Illi b'rispett lejn dak li jikkontempla l-imsemmi Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta, din il-Qorti hi tal-fehema li, fil-qies tac-cirkostanzi kollha tal-kaz kif aktar-il fuq esposti, ma hux spedjenti li twahhal piena ghal dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet kollha hlief l-ewwel wahda.

**Konkluzjoni**

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 86, 87, 339(d)(e), 251A, 251B, u 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll l-Artikoli 6 u 51(7) tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta` Malta, **qed issib lil Twanny (Anthony) Cassar (a) hati tal-ewwel imputazzjoni kif dedotta kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena tal-multa fis-somma ta` €116.47; u (b) hati ta` l-imputazzjonijiet l-ohra kollha kif migjuba kontra tieghu u peress li jissussistu l-elementi idoneji, tillibera lill-istess Twanny (Anthony) Cassar bil-kondizzjoni li ma jaghmel ebda reat matul il-perjodu ta` sentejn mill-llum, u dana kollu bis-sahha ta` l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta.**

**Il-Qorti fissret lil twanny (Anthony) Cassar fi kliem car u li jinftiehem il-konsegwenzi jekk huwa jaghmel xi reat iehor matul il-perjodu msemmi.**

In oltre l-Qorti tilqa t-talba tal-prosekuzzjoni u tohrog **Ordni skond l-Artikoli 412C u 382A tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta` Malta.**

Finalment allura, bis-sahha u ai termini ta` l-Artikoli 412C u 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, u fid-dawl ta` l-atteggjament tieghu (anke jekk ghadda hafna zmien minn meta sehhew certu incidenti), kif rizultanti mill-atti, fil-konfront ta` Sandra Mallia, u bl-iskop li tipprovdi ghas-sigurta` u ghall-protezzjoni tal-persuna msemmija, u ghaz-zamma ta` l-ordni pubbliku, l-Qorti qeda bil-prezenti taghmel Ordni ta` Trazzin fil-konfront tal-hati Twanny (Anthony) Cassar billi tipprojbixxi lil Twanny (Anthony) Cassar milli jimmolesta lill-persuna msemmija, u dana l-Ordni ghandu jibqa fis-sehh ghall-perjodu ta` tlett snin li jibdew jiddekorru mill-mument li din il-kawza tghaddi in gudikat.

Dr Ian Farrugia LLD

Magistrat

Marica Mifsud

Deputat Registratur